MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2007

Numru. 32/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen Mallia)**

**vs**

**Josef (Joseph Sandro) Bartolo ta' 31 sena bin Michael u Georgina nee' Agius, imwieled Pieta' fis-7 ta' Settembru 1975 u li joqghod fil-fond "Dar il-Hena", Triq ic-Cawsli, Qormi detentur tal-karta ta'l-identita' numru 456375(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Josef (Joseph Sandro) Bartolo talli:

a. fit-3 ta' Lulju 2002, f'xi hin bejn is-saghtejn ta' wara nofs in-nhar u l-erba' ta' wara nofs in-nhar f'Pembroke u fl-inhawi differenti f'dawn il-Gzejjer, ikkometta serq ta' radio

cassette stereo tal-marka Kenwood bin-numru serjali mhux maghruf, minn go vettura tal-marka Volkswagon Polo bin-numru ta’ registrazzjoni SUN 010, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaqbez il-Lm100, u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta’ Michelle Cutajar mis-Swieqi;

b. u talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hi ta’ izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm10), izda inqas minn hamsin lira Maltin (Lm50) u cioe’ fl-istess vettura tal-marka Volkswagon Polo bin-numru ta’ registrazzjoni SUN 010, ghad-detriment ta’ Michelle Cutajar mis-Swieqi;

c. u talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhhom jew imexxihom;

d. u talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, malli sar jaf li xi haga li kienet fil-pussess tieghu kienet haga misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistata b’reat, naqas li igharraf lill-Pulizija b’dana il-fatt fi zmien gimgha minn meta hekk sar jaf;

e. U talli sar recidiv ai termini ta’l-artikoli 49, 50 u 289 tal-kapitolu 9 ta’Ligijiet ta’ Malta;

f. U talli kiser il-provvedimenti ta’l-artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligiiet ta’ Malta b’sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-15 ta’ Settembru 2000, f’liema sentenza kien gie misjub hati ta’ reat u illiberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat ihor fi zmien sentejn;

g. U talli kiser il-provvedimenti ta’ l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-4 ta’ Lulju 2001 f’liema

sentenza kien gie misjub hati ta' reat u illiberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

h. U talli ikkomettejt diversi reati/delitti li ghalihom hemm piena ta' prigunerija fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza datata 29 ta' Jannar 2002, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti esebieti u l-atti kollha ta' dana il-procediment.

Rat l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali tal-4 ta' Mejju 2007.

Semghet il-kunsens moghti mill-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Ikkunsidrat,

Illi dana il-kaz imur lura ghas-sena 2002, meta certu Michelle Cutajar kienet irraportat illi kien insteraq radio cassette stereo mill-vettura taghha meta hija kienet ipparkeggjata vicin il-lukanada Corinthia Marina gewwa Triq il-Profs Walter Ganado gewwa Pembroke u cioe' vicin il-bar tal-Henry J. Beans. Jidher illi l-persuna li ikkomettiet dana ir-reat kissret il-quarter window tal-vettura fuq in-naha tax-xellug u dana sabiex kellha access ghal din il-vettura. Fiz-zmien meta ir-reat gie kommess u cioe' fit-3 ta' Lulju 2002, il-pulizija elevaw l-impronti digitali minn fuq dina l-vettura u precizament mill bieba tal-passiggier vicin il-hgiega il-miksura kif ukoll minn fuq il-bieba tan-naha tal-passiggier u xi tracci ta' demm li kien hemm fuq in-naha ta' barra ta' dina l-istess bieba. Ma jidhirx illi gew elevati xi impronti digitali minn fuq in-naha ta' gewwa ta'l-istess vettura jew inkella mill-post minn fejn ittiehed dana l-istereo li gie misruq. Dina il-vettura inoltre kienet giet ipparkeggjata f'post pubbliku u kienet imsakkra.

Illi l-provi li ressqet il-prosekuzzjoni jikkonsistu biss fix-xhieda ta'l-ufficjali tal-pulizija li kienu involuti fl-investigazzjoni ta' dan il-kaz u il-parti leza Michelle Cutajar, illum Micallef. Illi l-ufficjal tal-pulzija PS1147 Antoine Fenech eleva hames impronti digitali minn fuq in-naha ta' barra tal-vettura, kif ukoll kampjun ta' likwidu lewn ahmar li kien hemm fuq l-istess bieba u hejja rapport li gie ipprezenta bhala Dokument JB9.

Illi l-Qorti innominat zewg esperti u cioe' lil Joseph Mallia bhala espert ta'l-impronti digitali sabiex wara li jeleva l-impronti digitali u il-palm prints ta'l-imputat jaghmel ezami komparattiv mal-impronti digtali elevati minn fuq il-vettura tad-derubata, kif ukoll lis-serologitsa Robert Cardona sabiex jistabilixxi jekk il-likwidu lewn ahmar elevat minn fuq l-istess vettura huwiex demm uman.

Illi minn ezami tar-rapprti imhejji mill-espert Joseph Mallia (Dokument JB13), jirrizulta illi wiehed biss mill-impronti digitali elevati mis-scene of crime officer minn fuq il-vettura jabel ma' dak tal-imputat b'14 il-point of comparison u dana ghas-saba tan-nofs ta'l-id ix-xellugija ta'l-imputat. Dana l-impronti digitali u cioe' dak bin-numru 02BRE205, gie elevat minn fuq il-bieba tan-naha tal-passiggier tal-vettura SUN 010. Ghal bqija ta'l-ezami ta'l-impronti digitali l-ohra elevati u referibbilment ghal dawk vicin il-quarter window li inkissret wasslu jew ghal rizultat fin-negattiv jew ghall-ebda rizultat peress illi uhud minnhom kienu nieqsa mill-punti karatteristici li jwasslu ghal komparazzjoni u identifikazzjoni.

Illi ghar-rigward imbaghad tar-rapport imhejji mis-serologista Robert Cardona (Dokument JB10), ghalkemm irrizulta illi l-likwidu lewn ahmar li instab fuq il-vettura huwa fil-fatt demm uman, izda lanqas biss seta' jigi stabbilit il-grupp tad-demm minhabba il-fatt illi l-kampjun kien ilu li gie elevat mis-sena 2002 u li inoltre ma giex ippreservat kif suppost u allura kwalunkwe indagini ulterjuri fuq l-istess ma setatx issir.

Illi ghar-rigward tax-xhieda tal-parti leza dina lanqas ma titfa' dawl fuq dana il-kaz peress illi hija ma kellha l-ebda

hjiel ta' min setghet kienet il-persuna li ikkomettiet dana ir-reat.

Illi min-naha tieghu l-imputat fl-istqarrijiet tieghu jinnega l-involviment tieghu f'dana il-kaz. Jidher illi l-imputat kien ghadu kemm spicca jiskonta piena karcerarja meta gie kommess dana ir-reat. Anke meta rinfaccjat bl-akkuza illi kien hemm l-impronti digitali tieghu fuq il-vettura, l-imputat baqa' jichad l-involviment tieghu. Illi il-Qorti tirrileva illi fil-fatt l-istqarrija ta'l-imputat gie mehuda mill-pulzija f' Novembru 2006 u ghalhekk wara iktar minn erba' snin li r-reat gie kommess.

Illi ghalhekk l-uniku prova li l-Qorti ghandha kontra l-imputat huwa l-impronti digitali tas-saba' tan-nofs ta'l-id ix-xellugija ta'l-imputat li taqbel ma' dik elevata bhala document 02 BRE 205 minn fuq in-naha ta' barra tal-bieba tal-passiggier tal-vettura in kwistjoni. Illi dana l-impronti digitali ghandu 14-il point of comparison u abbazi ta' dana l-espert ikkonkluda li dawna il-matching points iwasslu ghal konkluzjoni illi dana huwa is-saba' ta'l-imputat. F'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fis-7 ta' Marzu 2002 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Vincent Calleja gie deciz"

*"Illi l-ligi taghna ma tistabbilixxi il-kriterji ta' numru ta' matching points jew points of comparison li ghandhom jinstabu fuq il-post tad-delitt jew xi repert iehor ma' dawk tal-persuna suspettata. Fil-prattika pero' il-Pulziija ghall-biex tmexxi l-investigazzjoni ulterjorment il-quddiem, tistrieh fuq 9 points. Izda qabel ma tmur il-Qorti tkun trid ikollha mill-inqas 14 il-point of comparison." Il-Qorti tghaddi beix tikkowta dak li ighid Blackstones fil-ktieb tieghu Criminal Practice: "Finger print evidence, like any other evidence, is admissible … if it tends to prove the guilt of the accused. It may so tend, even if there are only a few similar ridge characteristics, but it may, in such case, have little weight. It may be excluded in the exercise of judicial discretion, if its prejudicial effect outweighs its probative value."*

Illi fil-kaz indizamina huwa minnu illi l-espert tal-marki tas-swaba stabbilixa illi l-impronti digitali li instab fuq il-bieba tal-passiggier ta’ dina l-vettura tikkorrisspondi u cioe’ ghandha 14 il-point if comparison mas-saba tan-nofs ta’l-id ix-xellugija ta’l-imputat, izda ghar-rigward tal-marki l-ohra dawna taw rizultati fin-negattiv.

Illi inoltre d-difiza, qieghda targumenta illi din wahedha ma tistax tikkostitwixxi prova sufficjenti sabiex tinstab htija fil-konfront ta’l-imputat, iktar u iktar meta wiehed iqis illi dawn instabu f’post pubbliku u cioe’ f’post minn fejn ighaddu hafna nies. Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Noel Frendo jinghad:

“L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta’ prova indizzjarja – circumstantial evidence – li kif qal Lord Salmon Fil-kaz DPP vs Kilbourne (1973) AC 729, p759 ….*works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities.* Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f’post pubbliku jew f’post privat jew anqas pubbliku – il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta’ xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta’ dak ir-reat. Hekk per ezempju, impronta misjuba f’bank fil-parti fejn il-pubbliku ghandu access u meta jirrizulta illi l-imputat kien jiffrekwenta dak il-bank ftit li xejn tista’ isservi ta’ prova kontra dak l-imputat jekk huwa jigi akkuzat b’serq minn dak il-bank. L_istess ma jistax jinghad, pero’ jekk dik l-impronta tinstab fuq il-bieb ta’l-istrongroom tal-bank fejn l-impjegati tal-bank biss jistghu jidhlu u meta l-imputat ma hux tali impjegat u ma jirrizultax li qatt kellu ghalfejn jersaq lejn dak il-bieb.”

Illi ghalhekk fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet ghar-rigward tal-provi migjuba quddiemha:

1. Illi l-impronti digitali kif ukoll il-kampjun tad-demm gew elevati mill-vettura involuta f'dana ir-reat sahansitra 'il fuq minn erba' snin ilu.

2. illi kien biss fil-kors ta' dan il-procediment kriminali illi gew elevati l-impronti digitali u il-palm prints ta'l-imputat ghal fini ta' komparazzjoni.

3. Illi fil-maggior parti taghhom dawna l-ezamijiet komparattivi taw rizultat fin-negattiv.

4. Illi l-uniku saba' li seta jigi imqabbel ma' dak ta'l-imputat li kien is-saba tan-nofs ta'l-id ix-xellugija gie elevat minn fuq il-bieba tal-vettura fuq in-naha ta' barra u mhux vicin il-post fejn kienet imkissra il-hgiega u ghalhekk lanqas jista' jigi stabbilit ness bejn l-isgass u l-imputat.

5. Il-vettura kienet ipparkeggjata f'post pubbliku minn fejn ighaddu bosta nies specjalment fix-xhur tas-sajf.

6. Ghar-rigward tar-rizultati tal-kampjun ta'l-ezami tad-demm dana ukoll ma wassal ghall-ebda konkluzjoni.

7. Illi l-imputat fl-istqarrijiet rilaxxjati minnu ukoll 'il fuq minn erba' snin wara li sehh dana reat, jichad b'mod kategoriku l-involviment tieghu, ghalkemm ma jaghtix spjegazzjoni ghar-rigward ta' fejn kien jinstab dak in-nhar meta sehhet is-serqa. Madanakollu kif inghad, it-trapass ta' dan iz-zmien kollu, jimmilita favur l-imputat.

Ghalhekk fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali, il-Qorti ghanda dubbju ragjonevoli ghar-rigward tan-ness bejn ir-reat ta' serq li dwaru l-imputat qed jigi akkuzzat u il-persuna ta'l-akkuzat innifsu u kwindi ma tistax issib htija fil-persuna ta'l-akkuzat ghar-reat tas-serq ta'l-istereo mill-vettura proprjeta tal-parti leza.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi fuq nuqqas ta' provi, tillibera lill-imputat minn kull akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------